MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 890/2001/1

**Charles Schembri ezercenti fil-kummerc taht l-isem Tecnomarine**

**Vs**

**A.J.D. Tuna Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-23 t' Ottubru tas-sena 2001 li permezz tieghu l-attur ezercenti l-kummerc taht l-isem "Tecnomarine" sejjah lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas is-somma ta' elf u tmien mija u ghaxar liri Maltin (LM1,810.00,0) liema somma hija**

**dovuta bhala bilanc ta' prezz ta' merci lilha mibjugha u konsenjati;**

**2. Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-20 ta' Novembru tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi l-merci li ghalihom qed jirreferi l-attur huma numru ta' dinghies li gew mibjugha lis-socjeta' konvenuta mill-attur. Wiehed minn dawn id-dingies ma kienx tal-kwalita' pattwita tant li gie kkonsenjat lura lill-attur u sallum ghadu fil-pussess tal-istess attur;**

**2. Illi l-ammont mitlub permezz tal-avviz odjern jirrapprezenta l-prezz tad-dinghy de quo u ghalhekk l-ebda ammont ma hu dovut;**

**3. Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-attur u wiehed mill-proprjetarji tas-socjeta' konvenuta kienu kkonkludew ftehim li**

**permezz tieghu l-attur kien forna lis-socjeta' attrici d-"dinghy" meritu tal-kawza odjerna;**

**2. Illi dan il-ftehim kien gie konkluz wara li l-istess partijiet kienu nvoluti f'negozju simili precedenti li fuqu jirrizulta li z-zewg partijiet kienu sodisfatti;**

**3. Illi pero' dan is-sodisfazzjon ma giex milhuq fil-kaz odjern;**

**4. Illi fil-mument tal-konsiderazzjoni tal-kuntratt in dizamina jirrizulta li r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta kien ta struzzjonjiet precizi lill-attur rigward id-dinghy in meritu, senjatament illi d-dinghy de quo kellu jintuza:**

**a. ghad-divers tieghu;**
**b. biex johrog il-lixka ghall-"fish farm", (ara fol 40);**

**5. Illi mil-ewwel jiem li fih kien gie varat id-"dinghy" de quo dan zviluppa xi problemi, senjatament li ma kellux power bizzejjed ghalkemm kellu nutur tal-mitt "horse power";**

**6. Illi pero', wara li nies teknici u l-istess attur hadmu fuq l-istess "dinghy" biex jesploraw ir-raguni ghal dawn il-problemi, giet eskluza l-possibilita' li l-magna kellha xi haga hazina fiha;**

**7. Illi sussegwentement ghal dan il-partijiet intervjenew fuq l-istess "dinghy" u naqsulu bicca minn wara biex jippermettu lill-magna tinzel aktar l-isfel halli din tkun tista' tipprogetta aktar forza;**

**8. Illi nonostante dan l-intervent, id-"dinghy" baqa' bl-istess difett;**

**9. Illi konsegwentement id-"dinghy" de quo ma kienx tajjeb biex jintuza ghax-xogghol partikolari li l-partijiet kienu fthemu fuqu;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta ghalhekk li l-attur kien inghata struzzjonijiet precizi li d-"dinghy" li kien ser iforni lis-socjeta' konvenuta kellu jkollu certi specificitajiet;**

**Illi l-istess attur jirrizulta li llum jahdem xoghol ta' din in-natura u effettivament kien diga forna lis-socjeta' konvenuta b'diversi "dinghies" ghas-sodisfazzjon ta' l-istess socjeta';**

**Illi jirrizulta abbundantement assodat li d-"dinghy" mertu ta' din il-kawza ma kienx skond il-ftehim pattwit;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**